# Il-Ħuttafa

## Magażin ta' Klabb Ħuttaf

2000 2000 2000 2000 2000 2000

2000 2000 2000 2000 2000 2000 2000 2000




A. Saunier

**Jannar
Frar
2000**

Karta riċiklata

BirdLife
MALTA







# EDITORJAL

## GĦEŻIEŻ ĦUTTAF...

Kulhadd jagħmel għaġeb għax qlibna s-Sena 2000!

Imma x'inhuma elfejn sena ħdejn l-età tad-dinja!? Id-dinja jgħidu għandha 4500,000,000 sena (kemm żerijiet!). Daqshekk ilha li twieldet min-nirien tax-xemx. Ballun kbir tan-nar jagħqad fl-ispazju.

Għadda ż-żmien u d-dinja birdet, il-fwar kesaħ u wiċċ id-dinja mtela ilma - il-baħar! U fil-baħar tfaċċat l-ewwel ħajja, xi alġi u pjanti rqaq jgħumu f'wiċċ l-ilma baxx. Maż-żmien il-pjanti telgħu l-art, u ftit ftit l-arja mtliet bl-ossiġnu li beda ħiereġ minnhom.

U l-miljuni tas-snin gerrbu u d-dinja mtliet ukoll bl-annimali, l-ewwel fil-baħar, imbagħad fuq l-art - bram, ħniex, bebbux, granċi, insetti, ħut, amfibji, rettili (fosthom shabna ta' *Jurassic Park*), għasafar u mammiferi.

Fl-aħħar, xi 4 miljun sena ilu xi xadini niżlu mis-siġar u tgħallmu jimxu bilwieqfa. Tgħallmu jħaddmu jdejhom, jitfgħu ġebla, jagħmlu nassa u jaqbdu iljunfant! Ix-xadin beda jsir bniedem!

Xi miljun sena ilu tgħallmu jqabbdu n-nar u jsajru l-ikel. Għadda ż-żmien u tgħallmu jpinġu, iżejnu, jagħmlu l-istatwi.

Xi 10,000 sena ilu tgħallmu jrabbu l-bhejjem, jaħdmu l-art, jibnu d-djar u jaħdmu t-tafal. Imbagħad tgħallmu jiktbu. Il-bniedem beda jsir nies!

U n-nies bdew jivvjaġġaw, ibaħħru u jinfirxu mad-dinja. Għaddew is-snin u tgħallmu jibnu l-magni, għall-ewwel bil-fwar, imbagħad bl-elettriku. U tgħallmu jagħmlu l-bozza, it-telefon, il-kamera, il-karozza, l-ajruplan, it-televixin, il-kompjuter, ir-rokit, il-lejżer, il-video, is-CD, il-pejġer, il-mowbajl, l-Internet, id-DVD...

Kemm jgħaddi ż-żmien, hux!

Unga! Unga!



**Victor Falzon**
L-Editur

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| It-Tiġieġa tal-Baħar | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Il-Granċ... | 6 |
| Kompetizzjoni 36 | 7 |
| Żmien ix-xita... | 7 |
| Merill ġo basket | 7 |
| Attività | 9 |
| Enerġija 3 | 10 |
| Offerta Speċjali | 11 |
| X'rat il-Kamera | 12 |
| Ħuttafa tas-Sena | 12 |




RITRATT TA' QUDDIEM

**Iz-Zakak tad-Dell** (grey wagtail *Motacilla cinerea*) huwa għasfur żgħir imma sabiħ. Tagħrfu mid-denb twil u mis-sider isfar. Iħobb widien umdi b'xi nixxiegħa jew għadira ilma, bħal Wied Qlejgħa. Narawh l-iktar fix-xitwa.


### Working Group ta' Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



**BirdLife Malta**
Indirizz: **57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
Website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Stampat: Poulton's Print Shop, Frar 2000


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

# Aktar skiet f'Ta' Ċenċ!




Klabb Ħuttaf jifraħ lis-sidien tal-lukanda Ta' Ċenċ f'Għawdex. Dawn **waqqfu l-kaċċa u l-insib fuq kważi elf tomna art** li hemm ħdejn il-lukanda.

Ta' Ċenċ importanti immens għan-natura. Fih jikbru ħafna fjuri, u ħafna għasafar ibejtu fuq ix-xagħri u ma' l-irdum. Per eżempju hemm il-merill, iċ-ċiefa, il-bilbla, il-gawwija prima u l-bufula ħamra. Parti minn Ta' Ċenċ hija anke riserva naturali.

Sa ftit xhur ilu Ta' Ċenċ kien ikun mimli kaċċaturi jippassiġġaw qisħom kawbojs, u nassaba bix-xbiek ma' kullimkien. Imma issa dan kollu waqaf. Tajjeb!

Nisperaw li l-kaċċa u l-insib f'Ta' Ċenċ isiru biss memorja kerha!

# It-Tonn ta' taħt l-iRdum

## Xaqq dawl għal Ta' Ċenċ

Ftit ilu (*Il-Ħuttafa 32*) ġibnilkom l-aħbar li taħt l-irdum f'Ta' Ċenċ kien hemm il-periklu li jibnu fishfarm tat-tonn. Mhux f'xi post moħbi fejn ma jarah ħadd... Ma tarax! Anzi, *eżattament fl-isbaħ parti*, hekk kif tasal ħdejn l-irdum u tittawwal 'l isfel.

U biex żgur jeqirdu kollox, ippjanawh *eżattament* taħt fejn l-aktar ibejjet ċief!

Imma dan l-aħħar smajna li **din l-idea xejn mhi qed tingħoġob**, u diġà qed jgħidu lil tal-fishfarm biex jaraw isibux post ieħor fejn irabbu t-tonn. U fl-aħħar qed nisimgħu ikoll li Ta' Ċenċ għandu mnejn isir **park nazzjonali**.

U mela! BirdLife ilha s-snin tiġġieled biex Ta' Ċenċ isir protett darba għal dejjem. B'hekk la tikbru intom tkunu tistgħu tgawduh bla biża' li xi darba jinqered.

U magħkom igawduh l-għasafar u l-fjuri.




## Numri... 68,000!

68,000 litru! Daqshekk jesa' ilma ħalq il-Baliena Blu! Meta tiekol, il-baliena tiftaħ ħalq daqs bieb ta' garaxx, timlih bl-ilma, issaffi minnu l-gambli (li jeħlu ma' snienha) u l-ilma terġa' tarmih. U l-gambli tiblagħhom! Cool, hux!








Voluntiera jnaddfu x-xtut Franċiżi miż-żejt li ħareġ mill-*Erika*



Ritratti ta' Ray Galea

# X'għamlitilna Erika!

Naħseb smajtu bid-diżastru li sar fil-baħar ħdejn Franza fit-12 Diċembru li għadda. Tanker taż-żejt jismu Erika kien fi triqtu mgħobbi biż-żejt. Qam ir-riħ u l-maltemp, u l-vapur inqasam fi tnejn. Xi **8000 tunnellata żejt** ixxerrdu fil-baħar. Fi ftit jiem din l-għadira żejt waslet l-art u **nittnet xi 300km mix-xtut sbieħ** tal-majjistral ta' Franza.

Imma mhux il-ġmiel biss qerdet din il-mewġa żejt. **Qerdet ukoll mat-300,000 għasfur tal-baħar**, fosthom guillemots, mragen, borok, sul u gawwi. Dawn huma kollha għasafar li jgħumu fil-wiċċ u jistadu biex jaqbdu l-ħut. Bħal għasafar oħrajn, dawn iżommu rixhom f'kundizzjoni perfetta. Għalhekk kif bdew jiċċappsu biż-żejt, dawn ippruvaw inaddfu r-rix b'munqarhom. U ġara li bdew jibilgħu ż-żejt u jmutu vvelenati. Barra minn hekk, iż-żejt jgħaqqad ir-rix ċapep ċapep u l-għasafar beda jidħlilhom l-ilma taħt ir-rix, jirżħu u jmutu. Oħrajn fgaw fiż-żejt!



Margun

Ħafna nies u voluntiera niżlu x-xatt biex jimpalaw iż-żejt minn fuq ir-ramel u jnaddfu l-blat, u biex jippruvaw isalvaw kemm jistgħu għasafar. Telgħu anke grupp Maltin, fosthom membri mill-BirdLife biex jgħinu fit-tindif.

Aħna tal-*Huttafa* kellimna lil Ray Galea, wieħed minnhom.

"Ix-xeni li rajtu fuq it-televixin m'huma xejn ħdejn id-diżastru li rajna u missejna b'idejna!" qalilna.

L-għasafar li ġabru haduhom f'ċentri apposta biex inaddfuhom miż-żjut li kellhom fuq rixhom u fl-istonku. Ħafna għasafar xorta mietu, oħrajn għadhom qed jirkupraw.

Imsomma, traġedja tassew!




Dan l-istiker ħarġitu għaqda Franċiża, u jgħid biss il-kelma: *Assez*, li tfisser: *Issa biżżejjed!*



# It-Tiġieġa tal-Baħar

Mark Falzon

B Renevey

**Did-darba se naraw għasfur mill-familja tal-glalez. Il-glalez is-soltu huma għasafar b'saqajn u swaba' twal li jgħixu viċin l-ilma. Iħobbu jistaħbew f'xi roqgħa ħaxix folt mal-ġenb ta' l-ilma, imma kultant joħorġu jduru. L-aktar speċi li tħobb toqgħod fil-miftuħ u spiss tidher tgħum hija t-tiġieġa tal-baħar.**

Mhux diffiċli biex tagħrafha t-tiġieġa tal-baħar. Hija sewda tuta b'munqar u geddum abjad li jispikkaw ħafna.

It-tiġieġa tal-baħar m'għandha x'taqsam xejn mat-tiġieġ (s'intendi, ħlief li t-tnejn huma għasafar!). Imma jgħidulha hekk għax hija għasfur imbaċċaċ. Fid-daqs hija xi darbtejn daqs ħamiema.

Peress li tiekol ħafna alġi u ħxejjex oħrajn ta' l-ilma ħelu, tħobb tirgħa minn wiċċ l-ilma. Spiss togħdos għal xi biċċa ħaxixa mill-qiegħ. Saqajn it-tiġieġa tal-baħar huma interessanti. Subgħajha huma twal u rqaq imma mal-ġnub ta' kull saba' hemm ġilda żejda, u b'hekk subgħajha huma qishom moqdief. Dawn jgħinuha ħafna biex taqdef fl-ilma, imma fl-istess ħin ma jtellfuhiex meta tiġi biex timxi fuq l-art.



It-tiġieġa tal-baħar mhix għasfur komuni fil-gżejjer Maltin, u dan minħabba n-nuqqas ta' għadajjar li għandna. F'Malta tidher kważi dejjem fuq il-baħar waqt li tkun qed tpassi. It-tiġieġa tal-baħar tpassi fil-ħarifa bejn Ottubru u Diċembru u fir-rebbiegħa fi Frar u Marzu. Ħafna drabi tpassi bil-lejl. Ta' kull sena numru żgħir ta' tiġieġ tal-baħar jidħru f'postijiet fejn hemm l-ilma ħelu. L-aħjar postijiet huma r-riservi ta' l-Għadira u s-Simar, imma tista' titfaċċa wkoll f'xi wied bħal Wied Qlejgħa u Għajn Riħana. Fir-riservi, minħabba li m'hemmx kaċċaturi, qtajja' żgħar ta' tiġieġ tal-baħar iqattgħu x-xitwa magħna.

**Tridu taraw tiġieġa tal-baħar? Faċli. Aslu wasla daż-żmien sar-riserva ta' l-Għadira s-Sibt jew il-Ħadd (jew mal-klassi) u għandkom taraw ftit mhux ħażin jgħumu, jogħdsu u jistaħbew qalb il-qasab u s-simar ta' madwar l-għadajjar.**

Ingliż: **Common Coot**
Xjentifiku: ***Fulica atra***



L-uniku għasfur li jixbah lit-tiġieġa tal-baħar huwa **l-gallozz iswed** (moorhen). Imma dan għandu qagħda differenti meta jgħum, b'munqar iħares 'l isfel u denb ippuntat 'il fuq. Il-gallozz iswed għandu wkoll rix abjad fuq denbu u munqar aħmar u isfar.

# GALLERIJA




Meta tpinġulna, użaw karta bajda, linka sewda u tagħtux kulur. Tinsewx isimkom u l-età tagħkom, u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena.



# Il-Granċ li ma jħobbx il-baħar!

F'Malta għandna ħafna granċi differenti, sbieħ u interessanti. Imma wieħed minnhom huwa speċjali ħafna, għax ma jgħixx fil-baħar imma fl-ilma ħelu! Dan huwa l-QABRU.

Kif tafu f'Malta m'għandniex xmajjar, imma *għandna* ftit widien li fihom nixxigħat ta' ilma s-sena kollha, bħal Wied il-Baħrija f'Malta u Wied il-Lunzjata f'Għawdex. U hemm insibuh jgħix il-qabru. Imma l-ilma ta' dawn il-widien qed jippumpjawh kollu biex isaqqu r-raba' jew biex jibbotiljawh.

U jekk l-affarijiet jibqgħu sejrin hekk, il-QABRU jista' jħaffer qabru!!!




# kompetizzjoni 36



Norman Cat Cutie!

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Z | I | U | K | R | A | E | I | V | A |
| Z | V | Ċ | A | P | R | D | R | M | R |
| U | R | L | Ċ | A | R | A | A | N | G |
| S | A | T | T | S | P | B | P | P | U |
| M | S | E | S | E | I | S | U | S | E |

• MALVIZZ • RUSSETT • SPARVIER • BIES •
• KUĊĊARDA • MARGUN • PESPUS • ARPA •

## TAĦBILA TAJR

Hawn **tmien għasafar** (ara l-lista) mitlufin fit-taħbila. Sibhom billi timxi minn ittra għal oħra 'l fuq, 'l isfel, laġenba jew djagonali. Kull ittra tista' tużaha darba biss. Biex ngħinuk lestejnilek l-ewwel għasfur.
Ibgħat kopja tat-taħbila lesta (+ ismek eċċ) lil

**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

Ċans għandek sal-15 Marzu 2000.

**Ir-rebbieħ jingħata l-ktieb *Bil-Bejta***

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 35 hija **Christiana Borg** minn **Ħal Qormi**. Christiana tista' tmur tiġbor il-ktieb li rebħet miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9-12am). Importanti li tieħu magħha l-membership card.

## Żmien ix-xita! Żmien iż-Żrinġ!



Ħafna Maltin diġà qed igorru li qed tagħmel wisq xita dix-xitwa. Imma ż-żrinġijiet xejn mhu qed igorru. Għalihom ix-xita u l-għadajjar huma d-dar, il-kenn u l-ħajja. Fis-sajf, iż-żrinġijiet ikunu moħbijin. Imma bħalissa jkunu qed jogħxew! Ftakru, però, li **ħażin ħafna taqbadhom**.




BirdLife Malta Pictures

# Merill ġo basket!

Tal-ħwienet spiss jagħtuna basktijiet tal-plastik biex inġorru fihom l-affarijiet li nkunu xtrajna.

Dawn jagħmlu hekk biex jgħinuna, **imma lill-ambjent xejn ma tgħinu dil-biċċa xogħol.**

Meta nużaw dawn il-basktijiet inkunu qed **inżidu mal-ħela u ma' l-imbarazz** li jintrema fil-miżbliet. U kif forsi tafu, il-plastik ma jitmermirx imma jibqa' fl-ambjent għal mijiet ta' snin.

**Kemm huwa aħjar li tuża affarijiet li tista' terġa' u terġa' tuża.**

Il-BirdLife għadha kemm għamlet **basktijiet taċ-ċarruta**, tajbin immens biex iġġorr l-affarijiet fihom. Peress li tad-drapp, **ma jtaqqlukx** u fl-istess ħin id-drapp huwa oħxon u b'saħħtu.

U **tista' titwihom** bħal sarvetta!

U **tista' taħsilhom** jekk jitħammġu!

U fuq quddiem għandhom **stampa kbira ta' MERILL u ta' WIDNET IL-BAĦAR** (ara r-ritratt)

Jekk tixtiequ tixtru dal-basket, morru sar-riserva naturali ta' l-Għadira, jew ċemplu 347646 u nibagħtulek wieħed bil-posta.

Il-prezz ta' dawn il-basktijiet huwa **90c** biss (Lm1.20 jekk bil-posta).

**ĦAFFU GĦAX QED JINĦATFU!**



## Mobile Phones

communicate to the world......
with the latest models available from stock

## Playstation

PlayStation.

Powerful gaming capability in your hands.....
games, joysticks, cables
& other related accessories....

## DVD Players

DVD VIDEO

enter in the world of digital video....
we offer a wide range of dvd players
& a vast dvd library for you to rent

## Hi-Fi

Hi-Fi

amplify your music lifestyle....
we've got the right hi-fi equipment
to listen to your favourite tracks

ZOIDS

1, New Street Luqa. Tel: 666666

# Mixja Maratona




Il-Mixja Maratona tat-28 Novembru **kellna nħassruha** minħabba x-xita. Imma ser nerġgħu nippruvaw nagħmluha...

| | |
|---|---|
| Data: | **12 Marzu 2000** |
| Niltaqgħu: | **Pjazza tar-Raħal Ġdid** |
| Ħin: | **9am** |
| Naslu: | **Birżebbuġa** |
| Lura: | **qisu 4pm** |



**Ir-rotta ser tibqa' l-istess**, anke l-karta ta' l-isponsers tistgħu tużaw l-istess waħda li rċivejtu mal-*Huttafa 34*. Id-data biss bdilna.

Kif tiftakru wkoll, il-flus li ser jinġabru se nużawhom biex **nixtru teleskopju għall-Għadira**.

Ftakru li kull lira li tiġbru tfisser punt fil-**Huttafa tas-Sena 2000.**

Dawk li bagħtulna xi flus diġà żidnihomlhom.



# Ħajk il-Mistra

Il-Mistra hija bajja li b'xorti tajba għadhom ma rvinawhiex bil-lukandi, u għadha kwieta mhux ħażin. L-inħawi tal-wied tal-Mistra għandhom ikunu interessanti għall-fjuri u għall-għasafar tax-xitwa. Mela titilfuhiex!

| | |
|---|---|
| Data: | **20 Frar 2000** |
| Niltaqgħu: | **Ħdejn il-Knisja tax-Xemxija** |
| Ħin: | **8.30am** |
| Lura: | **xi nofsinhar** |

# Bajk Ħajk



**10**

Ir-rota hija l-iktar mezz ta' trasport nadif u ħabib ta' l-ambjent. Għalhekk xieraq li waħda mill-ħarġiet ta' grupp ambjentalista tkun bir-rota! Tħabbilx rasek jekk rota m'għandekx jew toqgħod 'il bogħod wisq biex tiġi biha. Roti se nikru!



Membri 13+

| | |
|---|---|
| Data: | **26 Frar 2000** |
| Niltaqgħu: | **8am Bieb il-Belt** jew |
| | **9am l-pjazza Buġibba** |
| Lura: | **Tard wara nofsinhar** |

Min ġej iċempel 347646 (BirdLife) u jħalli ismu, telefon u kemm nies ġejjin. Iċċemplux qabel il-15 Frar jew wara t-23 Frar.



# 13+

*Hawn, ħbieb!*

*Ħajjin għadna, anke wara n-najtħajk ta' Diċembru. Konna 8 kollox, imma ħadna pjaċir ħafna, anke meta għamlet ftit xita u ragħad. Anzi, dawk kienu l-isbaħ waqtiet!*

*Kif għedt, ma konniex wisq membri, probabbli minħabba t-temp. U fuq hekk li rrid nikteb did-darba. L-attivitajiet għall-Huttaf 13+ isiru dejjem - xemx, xita, bard jew bnazzi! Jiġifieri toqogħdux iċċemplu biex taraw jekk l-attività tħassritx minħabba t-temp. Justin mhux baħri tal-bnazzi, u lilkom hekk irridkom issiru! Naturalment, jekk inkunu ser naqsmu l-baħar u jkun imqalleb wisq, nibdlu r-rotta u mmorru x'imkien ieħor - mal-baħar m'hemmx ċajt. Imma l-ħarġa ssir dejjem!*

*Mela narakom!*

Justin

# Mixja max-Xatt

Membri 13+

| | |
|---|---|
| Data: | **19 Marzu 2000** |
| Niltaqgħu: | **7am Bieb il-Belt** jew |
| | **8am quddiem il-Knisja ta' Marsaxlokk** |
| Lura: | **Tard wara nofsinhar** |

Għandha tkun mixja twila u interessanti. Nimxu max-xatt tan-Nofsinhar ta' Malta... ngħaddu minn ħdejn Għar Ħasan, Wied Żnuber, l-iMnajdra u Ħaġar Qim. Hemm ħafna xagħri f'dawk in-naħat, interessanti għall-fjuri u anke għall-għasafar (tkun bdiet il-passa). U naturalment it-tempji eċċ. Nispiċċaw il-Qrendi.


Ħaġar Qim

# Enerġija

Elisabeth Conrad

**F'din it-tielet parti se naraw l-enerġija li tiġi mir-riħ u mis-sħana ta' l-art...**



**Pawerstejxin tar-riħ. Ir-riħ idawwar l-iskrejjen, l-iskrejjen idawru t-turbini u t-turbini jipproduċu l-elettriku.**

## Mir-Riħ

Li nużaw l-enerġija tar-riħ mhijiex idea ġdida. Jekk inħarsu madwarna naraw diversi rdieden tar-riħ li jintużaw biex itellgħu l-ilma għat-tisqija.

Illum-il ġurnata jintużaw irdieden kbar biex idawru t-turbini li jipproduċu l-elettriku. Kultant taraw stampi jew xeni ta' medda art b'ħafna skrejjen kbar bojod iduru fuq arbli twal. Dawn huma wind farms, li minnhom Malta m'għandniex.

L-ikbar vantaġġ tar-riħ huwa illi jiġi b'xejn u ma jispiċċax, lanqas jekk jgħaddu l-eluf tas-snin. Barra minn hekk m'hemmx bżonn ta' ħruq ta' fuel u għalhekk l-arja ma titħammiġx u l-ambjent naturali ma tantx inħassruh.

Min-naħa l-oħra, riħ ma jkunx hemm il-ħin kollu, u għalhekk l-enerġija tiegħu tkun trid tinħażen għal meta jkun hemm ġranet bla riħ. U biex taħżen l-enerġija trid ħafna flus. Problema oħra hija li t-tvenvin ta' l-iskrejjen jaf ikun ftit storbjuż, jidhru koroh fl-għajn (hawn min jogħġbuh!) u jfixklu s-sinjali tar-radju u tat-televixin. Xi għasafar jistgħu wkoll jaħbtu ma' l-iskrejjen, speċjalment għasafar li jkunu qed ipassu bil-lejl.

## Mill-Art

Tafu xi sħanat tremendi hemm taħt l-art, dik is-sħana tant kbira li tħoll il-blat u tiżbroffa l-vulkani. Din it-temperatura ta' ġod-dinja hija għajn utli ta' enerġija f'xi postijiet bħall-Islanda (Iceland). L-enerġija tinġabar billi jippumpjaw ilma ġo l-art. Bis-sħana tal-blat dan l-ilma jsir fwar, li mbagħad jużawh biex idawwar it-turbini ta' l-elettriku. Huwa u għaddej minn ġot-turbini, il-fwar jitlef l-enerġija u jerġa' jsir ilma. U b'hekk l-ilma jkun jista' jerġa' jintuża.



Blat volkaniku huwa ideali għall-enerġija ġeotermika

Bħar-riħ, is-sħana ta' taħt l-art mhix ser tispiċċa, tiġi b'xejn u la hemm bżonn tħaffir għall-materjal u lanqas ħruq ta' fuel. Għalhekk l-enerġija **ġeotermika** (*geos* = dinja, *thermos* = sħana) la tħammeġ u lanqas tirvina l-ambjent naturali. L-uniku żvantaġġ huwa li taħt l-art jista' jkun hemm xi gassijiet velenużi li jistgħu jidħlu fil-fwar u għalhekk jitħalltu ma' l-ilma. Il-pompi huma wkoll xi ftit storbjużi. ●

# Tixtieq li dan ikun tiegħek?




Faċli! Jekk sat-**30 April 2000** inti tkun il-membru li daħħalt l-iktar membri fi Klabb Ħuttaf...
DAN IN-**NINTENDO 64** IKUN TIEGĦEK!


# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...



- ☐ Tliet pitazzi ta' l-għasafar
- ☐ Stiker bil-kulur ta' għasfur
- ☐ Tmien punti fil-Ħuttafa tas-Sena

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, tihom jimlew kopja ta' dil-formola, imla isfel id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-kartolini u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. Żgur!

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

______________________________

Data tat-Twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

Telefon ______________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 25 bolla tas-6ċ

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!



X'tal-kamera!

# Magna ġdida?!



Desirée Falzon

Xi ħadd ivvinta magna ġdida!?!?!?!?!?!
Magna li tqaxxar il-bajtar tax-xewk minn ġewwa waqt li l-frotta tkun għadha fis-siġra!
Le, le, mhux veru ħbieb! Dar-ritratt juri xogħol l-għasafar!
Il-frott tal-bajtar tax-xewk huwa ħelu u sustanzjuż, u ħafna għasafar jiġġennu għalih! Tal-Bejt, il-bufula sewda, il-pitirross, il-kudirross iswed, l-isturnell, anke l-vjolin tax-xitwa! Jekk isibu frotta li mqar tkun imtaqqba ftit, l-għasafar ikomplu jnaqqru minnha sakemm isibulha l-qalba! U min kiel din tar-ritratt jidher li ma ħela xejn!
Jekk għandkom bird table, aqsmu bajtra tax-xewk (attenti għax-xewk) fuqha u forsi jersaq xi artist bil-ġwienaħ!!!

## Il-Ħuttafa tas-Sena 1999




Jürgen Pavanello






Sara Jane Cauchi




Kenneth Cauchi




Clayton Borg




Denise Grima




Marlon Borg




Alvin Borg




Arthur Briffa




Marco Calleja




Karl Farrugia

**Dawn kienu l-għaxar finalisti fil-ĦUTTAFA TAS-SENA 1999, bil-punti li ġabu. Il-ħbieb tagħna ħadu l-premju tagħhom nhar il-Party tal-Milied li għadda.**

**Ilkoll ħadu CERTIFIKAT speċjali, imma l-ewwel tlieta ħadu wkoll GAJD TA' L-GĦASAFAR, u Jürgen rebaħ ukoll it-TROMBA tant mixtieqa! Prosit lilhom u lill-oħrajn kollha li ħadu sehem.**

**Il-Ħuttafa tas-Sena 2000** bdiet mill-1 Jannar 2000 u tibqa' sejra sa Diċembru. Għal dis-sena għamilna xi tibdil żgħir:

- **bolli**: għalissa se nwaqqfuhom
- **telekards**: 3 telekards = 1 punt



**10**

*Il-Ħuttafa tas-Sena hija kompetizzjoni li tippremja lil dawk il-membri li l-iktar jieħdu sehem attiv fi Klabb Ħuttaf.*

*Nirringrazzjaw ħafna lil Eliseo Pavanello tar-ritratti li ħa dakinhar tal-Party, fosthom dawn tal-finalisti.*